MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' April, 2007

Appell Kriminali Numru. 105/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**Patrick Spiteri**

Dan huwa appell ta’ l-Avukat Ġenerali minn sentenza li sabet lill-appellat mhux ħati li ħalef falz quddiem imħallef b’setgħa b’liġi li jagħti ġurament, bi ksur ta’ l-art. 108 tal-Kodiċi Kriminali.

L-appellat kien mixli talli fl-1 ta’ Novembru 2002 fil-Belt Valletta, waqt proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, ħalef falz quddiem imħallef b’setgħa b’liġi li jagħti ġurament, bi ksur ta’ l-art. 108 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet mitluba illi, fil-każ ta’ ħtija, tagħti l-piena ta’ interdizzjoni ġenerali u interdizzjoni milli l-ħati jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-qrati tal-ġustizzja, u bħala perit f’kull każ li jkun, kif irid l-art. 109 tal-Kodiċi Kriminali.

B’sentenza mogħtija fl-20 ta’ Marzu 2006 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, billi

ma irriżultalhiex li l-appellat xehed il-falz fiċ-ċert, għax ix-xhieda trid tqisha fit-totalità tagħha, u mhux kull impreċiżjoni twassal għal ġurament falz, ma sabitx lill-appellat ħati ta' l-akkuża miġjuba kontrieh u ħelsitu minnha.

B'rikors ta' l-4 t'April 2006 l-Avukat Ġenerali appella minn dik is-sentenza; talab illi din il-qorti tħassarha u, minflok, issib lill-appellat ħati ta' l-akkuża miġjuba kontrieh u tagħti l-piena kif trid il-liġi, flimkien mal-piena ta' interdizzjoni ġenerali u interdizzjoni milli l-ħati jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-qrati tal-ġustizzja, u bħala perit.

L-aggravji ta' l-Avukat Ġenerali huma dawn:

1. l-ewwel qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi, u ma daħlitx fix-xhieda ta' l-appellat li fiha huwa mixli li xehed il-falz;

2. kontra dak li qalet l-ewwel qorti, "ix-xhieda kienet falza f'materja partikolari" (*recte*, f'ħaġa materjali), u, barra minn hekk, għar-reat ta' ġurament falz taħt l-art. 108 tal-Kodiċi Kriminali, ma hemmx il-ħtieġa illi x-xhieda tkun "falza f'materja partikolari" (*recte*, f'ħaġa materjali) – dak l-element huwa meħtieġ għar-reat ta' sperġur taħt l-art. 104, mhux għal dak taħt l-art. 108;

Il-qorti rat ukoll in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-appellat tal-25 ta' Jannar 2007, u t-tweġiba ta' l-Avukat Ġenerali tas-6 ta' Frar 2007.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk:

Fit-2 t'Ottubru 2002 l-appellat kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mixli bi frodi u falzifikazzjoni ta' dokumenti. Kien ingħata l-ħelsien mill-arrest bil-kondizzjoni, fost oħrajn, illi ma jsifirx mingħajr il-permess tal-qorti.

Billi ħtieġlu jsiefer nhar il-Ġimgħa 4 t'Ottubru 2002, l-appellat nhar il-Ħamis 3 t'Ottubru 2002 għamel rikors b'talba biex jitħalla jsiefer, u t-talba ntlaqgħet b'dikriet tal-Ġimgħa 4 t'Ottubru 2002 b'dan illi l-appellat kellu jagħmel depożitu ta' tlitt elef lira (Lm3,000) fir-reġistru tal-qorti, u illi fuq il-passaport tiegħu ssir restrizzjoni mill-uffiċjal tal-passaporti biex l-appellat ikun jista' jinqeda bil-passaport biex imur biss fil-pajjiżi msemmija fir-rikors.

Il-Ġimgħa stess, 4 t'Ottubru 2002, sar id-depożitu, u l-appellat, flimkien ma' Victor McKay, uffiċjal tal-qorti, li kellu d-dikriet miegħu, mar l-uffiċċju tal-passaporti fi Triq

San Pawl, il-Belt Valletta, sabiex fuq il-passaport issirlu r-restrizzjoni li ried id-dikriet. Billi iżda kien wara nofsinhar, l-uffiċċju tal-passaporti kien magħluq. Sabu lil Dominic Bilocca, Uffiċjal Ewlieni fir-Reġistru Pubbliku, li għandu uffiċċju fl-istess bini ta' l-uffiċċju tal-passaporti, u dan qalilhom illi l-uffiċċju tal-passaporti kellu jerġa' jiftaħ l-għada s-Sibt filgħodu, u għalhekk l-appellat baqa' ma' l-uffiċjal tal-qorti li kellu jċempillu biex jiltaqgħu l-għada u flimkien jerġgħu jmorru l-uffiċċju tal-passaporti. Id-dikriet żammu l-uffiċjal tal-qorti.
Ir-restrizzjoni fuq il-passaport, għalhekk, ma saritx, iżda l-appellat xorta telaq bl-ajru nhar il-Ġimgħa stess; l-uffiċjal ta' l-immigrazzjoni fl-ajruport ħallieh joħroġ bla problemi. Għalhekk is-Sibt, l-għada, l-appellat ma kellux għalfejn iċempel lill-McKay, u dan, it-Tnejn ta' wara, 7 t'Ottubru 2002, reġa' daħħal id-dikriet fl-atti tal-proċess.
Kien hemm drabi oħra meta l-appellat kellu jsiefer, kien jagħmel rikors u t-talba kienet tintlaqa'.
Ġara li kellu jsiefer ukoll lejn Ruma nhar it-Tlieta 29 t'Ottubru, 2002, u għalhekk għamel rikors it-Tnejn 28 t'Ottubru 2002 b'talba biex jitħalla jmur l-Italja u r-Renju Unit bejn id-29 u t-30 t'Ottubru. Din id-darba, iżda, l-Avukat Ġenerali oppona t-talba, li ma ntlaqgħetx mill-qorti. L-appellat, iżda, billi assuma illi r-rikors kien sejjer jintlaqa' bħal ma kien intlaqa' d-drabi ta' qabel, xorta telaq lejn Ruma għalkemm ma kellux il-permess meħtieġ tal-qorti. Fit-30 t'Ottubru ċempel lill-avukat tiegħu minn Londra u talabha tagħmel rikors ieħor biex ikun jista' jibqa' barra sal-Ħamis 31 t'Ottubru flok sal-Erbgħa 30 t'Ottubru. L-avukat iżda għarrfitu illi r-rikors tat-28 t'Ottubru ma kienx intlaqa', u li ma kien hemm ebda dikriet li jawtorizzah isiefer. L-appellat għalhekk qabad l-ewwel ajruplan lura lejn Malta u ġie lura minn Londra fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 t'Ottubru 2002.
L-Avukat Ġenerali sar jaf illi l-appellat kien siefer mingħajr il-permess tal-qorti. L-Avukat Ġenerali għalhekk għamel talba quddiem il-Qorti Kriminali biex lill-appellat jitneħħielu l-ħelsien mill-arrest, u fl-1 ta' Novembru 2002 l-appellat ta x-xiehda tiegħu bil-ġurament f'dawk il-proċeduri. Il-proċeduri tallum huma dwar dik ix-xiehda ta' l-1 ta' Novembru 2002, għax l-appellat huwa mixli illi dakinhar xehed il-falz, bi ksur ta' l-art. 108 tal-Kodiċi Kriminali:

**108.** (1) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jaħlef il-falz quddiem imħallef, maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament, jeħel, meta jinsab ħati -
(*a*) il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena, jekk il-ġurament ikun meħtieġ mil-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-qrati ta' Malta;
(*b*) il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jekk il-ġurament ma jkunx hekk meħtieġ jew ordnat.
(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall-ġuramenti promissorji.

Fil-parti relevanti ta' dik ix-xiehda, l-appellat kien qal hekk:

xhud: … … … id-dikriet tawhuli f'idejja fir-reġistru tal-qorti, meta iddepożitajt it-tlitt elef lira; kont mort mal-marixxall għand id-dipartment tal-passaporti – dik kien[et] l-ewwel darba, l-ewwel – u l-passaporti ma riedu jimmarkawli xejn fuq il-passaport tiegħi. … … … Qaluli "m'hemmx bżonn; issa meta tgħaddi mill-*emigration*, l-*emigration* hemm ikunu notifikati". … … …

il-qorti: il-*Principal Pasport Officer* x'qallek? Mort bih [id-dikriet]?

xhud: Kont mort bih, urejtu dina, u qalli "m'għandek bżonn nagħmlulek xejn. Inti meta tmur l-*emigration* ara li jkollok din f'idejk *just in case they ask you*, u jkollok il-passaport".[1]

Il-kwistjoni fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali meta l-appellat ta x-xiehda tiegħu kienet jekk kellux jitteħidlu l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest għax kiser il-kondizzjonijiet li taħthom ingħata dak il-ħelsien. Oġġettivament, kien kiser il-kondizzjonijiet darbtejn: 1. meta siefer il-Ġimgħa 4 t'Ottubru 2002 bla ma saret ir-restrizzjoni fuq il-passaport kif ried id-dikriet ta' awtorizzazzjoni; u 2. meta siefer fid-29 t'Ottubru 2002 mingħajr il-permess tal-qorti. Il-proċeduri ta' l-1 ta' Novembru 2002 quddiem il-Qorti Kriminali kienu dwar it-tieni okkażjoni, u dwar din ma hemm ebda kwistjoni: l-appellat stqarr fix-xiehda quddiem il-Qorti Kriminali illi assuma, ħażin, illi d-dikriet kien sejjer jinħareġ, u għalhekk effettivament stqarr illi kien kiser il-kondizzjonijiet tal-

[1] *Foll.* 44 *et seq.*

ħelsien mill-arrest; dwar dan ma huwiex qiegħed jingħad illi xehed il-falz.

Madankollu, dan ma jfissirx illi, kif qiegħed igħid l-appellat, ix-xiehda tiegħu dwar l-ewwel okkażjoni ma kinitx ġuridkament relevanti, għax dak li ġara u ma ġarax fl-ewwel okkażjoni jitfa' dawl fuq il-*bona fides* ta' l-appellat. Jekk huwa minnu li ngħata x'jifhem illi ma kienx meħtieġ notament fuq il-passaport tiegħu, u għalhekk ma reġax mar l-uffiċċju tal-passaporti, u ma kellux għax joqgħod jistenna li jkollu kopja tad-dikriet f'idejh biex juriha lill-uffiċjal tal-passaporti biex jagħmel dan in-notament, mela seta' kien *in bona fide* fil-ħsieb li ma ħtiġlux li jkollu kopja tad-dikriet u meta assuma, bla ma ra l-kopja, li d-dikriet kien ingħata.

Jekk, min-naħa l-oħra, ma hux minnu li ngħata x'jifhem illi ma kellux għalfejn imur l-uffiċċju tal-passaporti, u għalhekk kien jaf li kien jeħtieġ kopja tad-dikriet biex bis-saħħa tiegħu ssir ir-restrizzjoni fuq il-passaport, mela kien *in mala fide* meta siefer bla ma stenna li jkollu l-kopja biex imur biha fl-uffiċċju tal-passaporti.

Fil-fatt, kif igħid l-appellat stess fin-nota ta' osservazzjonijet tiegħu, waqt li l-appellat kien qiegħed jixhed quddiemha l-Qorti Kriminali tatu "l-impressjoni ċara … … … illi huwa kien żbalja, u kwindi [l-appellat] kien qiegħed jipprova jispjega lill-istess onorabbli qorti illi, talanqas, huwa aġixxa dejjem *in buona fede*"[2], u dan għamlu għax il-*bona fides* kienet ovvjament u ċertament relevanti għall-għanijiet tal-ġudizzju li kellha tagħmel il-qorti.

Għal din ir-raġuni, il-qorti hija tal-fehma illi, kontra dak li jgħid l-appellat, ix-xiehda tiegħu dwar x'ġara u ma ġarax meta fl-4 t'Ottubru 2002 mar ma' Victor McKay l-uffiċċju tal-passaporti u sabu magħluq hija ġuridikament relevanti.

Naraw issa jekk l-appellat tassew xehedx il-falz.

Rajna illi fl-1 ta' Novembru 2002 l-appellat kien qal illi meta, fl-okkażjoni ta' l-4 t'Ottubru 2002, kien mar l-uffiċċju tal-passaporti ma' Victor McKay, l-uffiċjal tal-passaporti kien qallu li ma kienx meħtieġ li jimmarkalu r-restrizzjonijiet fuq il-passaport u illi l-uffiċjali tal-kontroll tal-passaporti fl-ajruport kienu jkunu avżati; kellu biss jieħu

2 Pp. 13 *et seq*. tan-nota tal-25 ta' Jannar 2007.

d-dikriet miegħu biex ikun jista' jurih jekk jitolbuhulu meta jkun għaddej mill-kontroll tal-passaporti fl-ajruport.

Fil-fatt, iżda, mix-xiehda ħareġ illi dakinhar meta l-appellat mar l-uffiċċju tal-passaporti dak l-uffiċċju kien magħluq għall-pubbliku. Fil-bini ta' l-uffiċċju kien hemm biss Dominic Bilocca, Uffiċjal Ewlieni fir-Reġistru Pubbliku, u Raymond Vassallo, skrivan fl-uffiċċju tal-passaporti. Bilocca xehed hekk:

Ngħid li dakinhar kien ġie Dr Patrick Spiteri akkumpanjat mill-Marixxall McKay, li kellimna, … … … Dakinhar kien hemm il-marixxall li talabni u informani illi Dr Spiteri xtaq jagħmel passaport urġenti. Jiena weġibtu li fuq proċedura ta' ħruġ ta' passaporti ma kontx naf u għalhekk ma stajtx ngħinu. Issuġġerejtlu, peress li kien il-Ġimgħa u l-passaporti jaħdmu wkoll is-Sibt u l-Ħadd, u issuġġerejtlu li kellu jipprova jidħol is-Sibt biex jara jistax jirranġa, u dan il-kliem jiena għidtu kemm lil Dr Spiteri kif ukoll lill-Marixxall McKay. Ma ssuġġerejt xejn x'kellu jsir peress li dwar proċedura ta' ħruġ ta' passaporti jiena m'inix intiż.

Mistoqsi jekk niżilx xi ħadd mill-uffiċċju tiegħi warajja jitkellem ma' Dr Spiteri u l-marixxall, ngħid li ma nafx. Dakinhar fuq ix-xogħol kien hemm Raymond Vassallo. Fl-uffiċċju tal-passaporti għalhekk nikkonferma li dakinhar 4 t'Ottubru tas-sena 2002 wara s-sagħtejn ta' wara nofsinhar kien hemm jiena u Raymond Vassallo biss xogħol.[3]

Vassallo xehed illi ma jiftakarx li dakinhar kellem lill-appellat u li, f'kull każ, xogħlu huwa fuq l-inventarju u m'għandux x'jaqsam mal-passaporti[4].

Fi kliem ieħor, fl-4 t'Ottubru ma kien hemm ħadd fl-uffiċċju tal-passaporti li seta' qal lill-appellat il-kliem li, fix-xiehda tiegħu ta' l-1 ta' Novembru 2002, qal li ntqal lilu.

Victor McKay, il-marixxall li kien preżenti waqt dan l-episodju, meta xehed fl-10 ta' Jannar 2003 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, kien qal hekk:

Ngħid illi aħna dħalna f'dan il-bini [ta' l-uffiċju tal-passaporti] u sibna grada magħluqa. Minn hemmhekk minn fuq l-*mobile* tiegħi jiena ċempilt lil Mr Spiteri Bailey

---

3 Xiehda ta' Dominic Bilocca fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2003 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, *fol*. 84.

4 Xiehda ta' Raymond Vassallo fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2003 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, *fol*. 86.

[deputat reġistratur] biex ngħidlu li l-kanċell kien magħluq, u qalli li għalhekk ma kien hemm xejn x'tagħmel, kelli ninforma lill-imputat dwar dan u kelli niġi lura l-qorti. Jiena fil-fatt dak il-ħin kelli d-dikriet f'idi u għidt lill-imputat li jekk ma jirranġax kont lest li nakkumpanjah is-Sibt filgħodu peress li jiena ma kontx naf li d-dipartiment jagħlaq kmieni biex jiftaħ ukoll is-Sibt.

Jiena ġejt informat li huma jiftħu s-Sibt peress li, meta konna morna u sibt il-kanċell magħluq, għajjatt, niżel bniedem – min hu però ma nafx – u qalli li hemmhekk ma kinux jiftħu sal-ħamsa iżda sas-sagħtejn u nofs, però li kienu jiftħu wkoll is-Sibt filgħodu. Jiena staqsejtu għal Mr Carmelo Mifsud peress li naf li huwa direttur hemmhekk u kien jaħdem il-qorti qabel, forsi jaqdina, u qalli li kien qiegħed rikoverat l-isptar jew id-dar. Minn dakinhar lil hawn lill-imputat ma rġajtx rajtu.[5]

Victor McKay reġa' xehed fit-23 ta' Frar 2005, u din id-darba qal hekk:

… … … il-kanċell kien magħluq. Imbagħad kont offrejt lill-imputat li nakkumpanjah l-għada li kien is-Sibt. Persuna wara l-*gate* qalet lill-imputat li seta' jirranġa billi jmur l-*airport*. Dak il-ħin jiena dort fuq l-imputat u għidtlu li jekk ma jirranġax kont lest li nerġa' nidħol is-Sibt filgħodu. … … … B'hekk l-arranġament kien li jew l-imputat kellu jmur l-*airport* jew li nakkumpanjah jien is-Sibt.[6]

It-tieni darba li xehed, għalhekk, McKay qabel ma' dak li qal l-appellat, għalkemm ma qabilx f'punt materjali ma' dak li kien xehed l-ewwel darba.

Għalhekk hemm żewġ verżjonijiet kontra xulxin: dik ta' l-appellat, illi meta mar l-uffiċċju tal-passaporti nhar il-Ġimgħa 4 t'Ottubru 2002 qalulu illi seta' jirranġa meta jmur l-ajruport u li l-uffiċjali tal-kontroll tal-passaporti fl-ajruport ikunu mgħarrfa; u dik tal-prosekuzzjoni, illi mill-uffiċċju tal-passaporti ma qalulu xejn li seta' jirranġa meta jkun l-ajruport jew lill-uffiċjali hemmhekk ikunu mgħarrfa, u illi seta' jerġa' jmur l-għada l-uffiċċju tal-passaporti għax jiftħu wkoll is-Sibt filgħodu. Il-verżjoni tal-prosekuzzjoni hija msaħħa bix-xiehda ta' Dominic Bilocca u b'dak li qal Victor McKay l-ewwel darba li xehed, waqt illi l-verżjoni ta' l-

[5] *Fol*. 17.
[6] *Fol*. 113.

appellat hija msaħħa b'dak li xehed hu stess u b'dak li xehed Victor McKay it-tieni darba li xehed. Lanqas ma jistgħu ż-żewġ verżjonijiet jiġu rikonċiljati billi tgħid illi seta' kien xi ħadd ieħor, mhux Dominic Bilocca, li seta' qal dak il-kliem lill-appellat, kemm għax fl-uffiċċju kien hemm biss Bilocca u Vassallo, u Vassallo ma tkellimx għax xogħlu ma hux fil-passaporti, u kif ukoll għax l-appellat stess għaraf lil Bilocca bħala dak li qallu dak il-kliem[7].

L-ewwel qorti, meta qieset din ix-xiehda, qalet hekk:

… … … ma jirriżultax li l-imputat xehed il-falz fiċ-ċert. Huwa minnu dak li allegat id-difiża, li l-qorti trid tara x-xiehda fit-totalità tagħha, għaliex mhux kull impreċiżjoni twassal għal ġurament falz. Ix-xiehda li tingħata trid tiġi meqjusa fil-komplessività tagħha fuq punti materjali.

u ma sabitx lill-appellat ħati.

Minn din il-motivazzjoni x'aktarx lakonika u mhux għal kollox sodisfaċenti ma jidhirx ċar jekk l-ewwel qorti ħelsitx lill-appellat għax ma kinitx konvinta li tassew "xehed il-falz fiċ-ċert", jew għax, għalkemm sabet "impreċiżjoni" fix-xiehda tiegħu, "mhux kull impreċiżjoni twassal għal ġurament falz", jew għax meta tqis ix-xiehda "fil-komplessività tagħha" l-impreċiżjoni ma tolqotx punti materjali, jew għal dawn ir-raġunijiet kollha flimkien.

Frankament, din il-qorti, wara li qieset sew iċ-ċirkostanzi kollha, ma tarahiex wisq plawsibbli illi Dominic Bilocca, illi stqarr illi ma jifhimx fil-proċedura tal-passaporti, kien sejjer jieħu l-inizjattiva li jgħid lill-appellat illi l-uffiċjali tal-kontroll tal-passaporti fl-ajruport ikunu mgħarrfa bil-każ tiegħu u li jagħtih parir biex jirranġa meta jmur l-ajruport, u lanqas ma hija wisq konvinta bil-preċiżazzjoni jew korrezzjoni li għamel McKay fit-tieni verżjoni tiegħu.

Madankollu, tifhem ukoll illi jista' jibqa' dubju raġonevoli illi tassew il-biċċa seħħet kif qal l-appellat, u li l-ewwel qorti seta' raġonevolment kellha dak id-dubju. Meta tqis għalhekk illi l-ewwel qorti kellha l-vantaġġ – li ma kellhiex din il-qorti – li tisma' lix-xhieda *viva voce* u tagħmel apprezzament mibni wkoll fuq l-imġieba tagħhom, u wkoll illi qorti ta' appell ma għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel qorti jekk

---

[7] Xiehda ta' l-appellat fis-seduta tal-20 ta' Lulju 2005 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, *fol*. 129.

mhux għal raġunijiet gravi li jwassluha għall-konvinċiment li ssir inġustizzja jekk l-ewwel sentenza ma titħassarx, u tqis ukoll illi fil-każ tallum ma hemmx dawk l-estremi għax jifdal dubju raġonevoli favur l-appellat, din il-qorti hija tal-fehma, għalkemm mhux mingħajr esitazzjoni, li ma għandhiex tibdel is-sentenza appellata.
Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad l-appell u twettaq is-sentenza tal-20 ta’ Marzu 2006.
Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta’ din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------